REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/611

tas-17 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/97 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet irreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Bħalissa d-dazju anti-dumping ("id-dazju estiż") japplika fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") bħala riżultat tal-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97.

(2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97 jenħtieġ li tiġi stabbilita skema ta' eżenzjoni li tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma jevitawx id-dazju anti-dumping ("l-Iskema ta' Eżenzjoni"). L-Iskema ta' Eżenzjoni hija ggvernata mill-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. L-Iskema ta' Eżenzjoni teżenta lill-assemblaturi li jinstabu li mhumiex involuti fi prattiki li jevitaw il-miżura anti-dumping fuq ir-roti li jimportaw partijiet tar-roti Ċiniżi mingħajr ma jħallsu dazju anti-dumping.

(3) Il-qafas legali għat-tħaddim tal-Iskema ta' Eżenzjoni kien previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 ([3]) ("ir-Regolament ta' Eżenzjoni") kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 512/2013 ([4]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/831 ([5]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1296 ([6]).

(4) Kif stipulat fil-premessa (44) tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni żżomm is-sistema ta' eżenzjoni taħt rieżami kostanti biex din tkun tista' taddattaha fejn meħtieġ biex tqis l-esperjenza miksuba permezz tat-tħaddim ta' din is-sistema.

(5) L-għan ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Eżenzjoni huwa li jadatta u jtejjeb dan tal-aħħar abbażi tal-aktar esperjenzi u żviluppi reċenti li seħħew wara l-aħħar emenda bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1296.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tal-Kunsill, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 tal-Kunsill (ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 512/2013 tal-4 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/97 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 (ĠU L 152, 5.6.2013, p. 1).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/831 tat-28 ta' Mejju 2015 li jaġġorna l-lista ta' partijiet eżentati mid-dazju antidumping estiż fuq uħud mill-partijiet ta' biċikletti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 wara l-iskrinjar li beda permezz tal-Avviż tal-Kummissjoni 2014/C 299/08 (ĠU L 132, 29.5.2015, p. 32).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1296 tas-16 ta' Settembru 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/97 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 20).

(6) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u t-trasparenza, jenħtieġ li tiżdied id-definizzjoni ta' "assemblatur" u jenħtieġ li jiġu introdotti aġġustamenti formali oħra biex jiġi ssimplifikat il-kliem tar-Regolament ta' Eżenzjoni u jiġu aġġornati r-referenzi għal atti oħra tal-Unjoni għall-aħħar verżjoni tagħhom, inkluża l-istruttura TARIC stabbilita fl-Anness III.

(7) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi aġġornat l-Anness I li jelenka l-partijiet li qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' eżenzjoni u l-Anness II li jelenka l-partijiet eżentati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' eżenzjoni. Madankollu, fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-partijiet elenkati taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC 8605, A576 u C009 huma soġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija lilhom rispettivament. L-eżitu ta' din il-valutazzjoni mill-ġdid se jkun soġġett għal att legali separat.

(8) Skont l-Iskema ta' Eżenzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Eżenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż soġġetta għall-għoti ta' garanzija tad-dazju estiż. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhijiex obbligatorja u mill-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Eżenzjoni, il-Kummissjoni tinnota li dan joħloq problemi potenzjali ta' diskriminazzjoni u lakuni fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Eżenzjoni.

(9) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni obbligatorja ta' garanzija f'każ li tingħata sospensjoni li tiżgura trattament ugwali u infurzar xieraq.

(10) Barra minn hekk, meta l-applikant jirtira t-talba għal eżenzjoni ("it-talba"), jew it-talba sussegwentement titqies inammissibbli jew miċħuda, id-dazju estiż soġġett għas-sospensjoni ma jistax jiġi rkuprat. B'mod partikolari, l-effetti tal-irtirar tat-talba mhumiex irregolati speċifikament fir-Regolament ta' Eżenzjoni kif emendat. Il-Kummissjoni tqis li l-għoti obbligatorju tal-garanzija għandu jiżgura l-irkupru tad-dazju estiż ukoll f'każijiet ta' inammissibbiltà, ċaħda u rtirar sussegwenti tat-talba.

(11) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tirregola espressament l-effetti tal-irtirar tat-talba. Għalhekk, f'każ ta' rtirar, jenħtieġ li t-talba titqies li ma ġietx ippreżentata u s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż jenħtieġ li titneħħa. Dan l-approċċ ikun simili għall-Artikolu 5(8) tar-Regolament bażiku.

(12) Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni tqis ukoll li huwa xieraq li tenfasizza l-effetti proviżorji tas-sospensjoni, meta mqabbla mal-effetti aktar fit-tul tal-eżenzjoni. Għal dan il-għan, ir-referenzi għall-eżenzjoni jenħtieġ li jiġu akkoppjati jew sostitwiti b'referenzi għas-sospensjoni, fejn meħtieġ.

(13) Wara li rrevediet l-esperjenza miksuba fl-operat tal-Iskema ta' Eżenzjoni, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tintroduċi ċerti emendi biex tiżgura l-funzjonament u l-infurzar kif suppost tagħha.

(14) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament ta' Eżenzjoni jipprovdi għall-possibbiltà li wieħed jerġa' japplika għall-Iskema ta' Eżenzjoni wara 12-il xahar mir-rifjut ta' talba jew mir-revoka tal-eżenzjoni. Dan il-perjodu ta' żmien mhuwiex twil biżżejjed biex jallinja l-operazzjoni ta' assemblaġġ mal-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika mill-Iskema ta' Eżenzjoni, b'mod partikolari dawk elenkati fl-Artikoli 4, 5 u 8.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Eżenzjoni jipprevedi perjodu ta' żmien itwal ta' mill-inqas 36 xahar qabel ma applikant ikun jista' jerġa' jissottometti talba għal eżenzjoni. Barra minn hekk, il-perjodu ta' esklużjoni ta' 36 xahar jenħtieġ li japplika wkoll fir-rigward ta' talbiet miċħuda fl-istadju tal-ammissibbiltà.

(16) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li huwa essenzjali li jkun hemm il-possibbiltà li jiġi vverifikat li l-partijiet eżentati jikkonformaw mar-regoli kontra ċ-ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Eżenzjoni jobbliga lill-partijiet eżentati li jkunu qed jiġu eżaminati biex iżommu rekord tal-partijiet essenzjali tar-roti mwassla lilhom, u tal-użu li jkun sar minn dawk il-partijiet, għal perjodu itwal mit-3 snin ipprovduti bħalissa, li jikkorrispondi għal mill-inqas 5 snin. Dan il-perjodu ta' żmien ikun jinkludi t-tul tal-investigazzjonijiet kontra ċ-ċirkomvenzjoni u proċedimenti oħra f'oqsma ta' politika differenti, bħad-dwana jew proċedimenti kontra l-frodi.

(18) Fir-rigward tal-infurzar, il-Kummissjoni tinnota li, meta jinbeda rieżami tal-parti eżentata, l-eżenzjoni tibqa' fis-seħħ matul il-proċedimenti ta' rieżami. F'każ li l-eżenzjoni tiġi revokata, id-dazju estiż li ma jkunx tħallas matul ir-rieżami ma jistax jiġi rkuprat.

(19) Għalhekk, f'każ bħal dan, ir-Regolament ta' Eżenzjoni għandu jispeċifika li l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti tal-partijiet taħt rieżami għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni matul il-perjodu li titwettaq l-investigazzjoni tar-rieżami, sakemm jaslu r-riżultati ta' dak ir-rieżami, biex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami jirriżulta f'revoka tal-eżenzjoni, il-miżuri jistgħu sussegwentement jiġu applikati kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni.

(20) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, meta parti eżentata tinstab li qed tiddikjara ħażin l-oriġini Ċiniża tal-prodotti, dan għandu impatt dirett fuq il-konformità mal-obbligi tal-partijiet eżentati, b'mod partikolari l-obbligi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Eżenzjoni.

(21) Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Iskema ta' Eżenzjoni tipprovdi għall-bidu ta' rieżami tal-eżenzjoni mogħtija lil parti li tinstab li tkun iddikjarat ħażin l-oriġini Ċiniża tal-partijiet tar-roti importati.

(22) Barra minn hekk, dikjarazzjonijiet doganali żbaljati ripetuti ta' kwalunkwe parti tar-roti minn parti eżentata jenħtieġ li jirriżultaw fir-revoka tal-eżenzjoni.

(23) Jenħtieġ li eżenzjoni tiġi revokata wkoll meta parti eżentata tinstab li tkun involuta fi prattiki li jevitaw id-dazju estiż, *inter alia* billi timmina l-effetti rimedjali tad-dazju billi timporta kwantitajiet sinifikanti. L-Artikolu 14(c) tar-Regolament ta' Eżenzjoni jimplika li l-effetti rimedjali tad-dazju jiġu mminati meta 300 unità jew aktar għal kull tip ta' partijiet essenzjali tar-roti jew jiġu ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn parti jew jiġu kkonsenjati lilha.

(24) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza, dan il-limitu jenħtieġ li jkun espliċitu fir-Regolament ta' Eżenzjoni.

(25) Il-Kummissjoni tqis ukoll li huwa xieraq li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tal-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c). F'dan ir-rispett, il-limitu ta' inqas minn 300 unità għal kull tip ta' partijiet essenzjali tar-roti fuq bażi ta' kull xahar għandu jirreferi għall-medja ta' kull xahar ta' unitajiet għal kull tip ta' partijiet essenzjali tar-roti matul perjodi ta' 12-il xahar li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni tal-użu finali rilevanti. Fi kwalunkwe każ, it-total ta' perjodu wieħed jew aktar ma jistax ikun itwal mill-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tal-użu aħħari rilevanti.

(26) Fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tal-użu aħħari mogħtija mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tinnota li parti eżentata li ma tilħaqx il-limitu għall-applikazzjoni tal-Iskema ta' Eżenzjoni msemmija hawn fuq xorta tibbenefika mill-eżenzjoni mogħtija, minkejja li ma tissodisfax wieħed mir-rekwiżiti għall-ammissibbiltà tat-talba.

(27) Għalhekk, ir-Regolament ta' Eżenzjoni jenħtieġ li jippermetti r-revoka ta' eżenzjonijiet għal partijiet li l-importazzjonijiet tagħhom huma taħt il-limitu indikat fl-Artikolu 14(c) tar-Regolament ta' Eżenzjoni.

(28) Barra minn hekk, parti li tkun qed tiġi eżaminata tista', skont ir-regoli attwali, tapplika għal awtorizzazzjoni ta' użu aħħari u tibbenefika miż-żewġ statuses, minkejja l-fatt li ż-żewġ għodod jeskludu lil xulxin b'mod reċiproku.

(29) Għalhekk, il-kategorija ta' partijiet eliġibbli għal awtorizzazzjoni ta' użu aħħari jenħtieġ li teskludi kemm parti eżentata kif ukoll parti li qed tiġi eżaminata skont l-Iskema ta' Eżenzjoni.

(30) Il-Kummissjoni tqis ukoll li huwa utli li tfakkar li r-Regolament (UE) Nru 512/2013 kif imsemmi fil-premessa (3) ċċara li l-partijiet tar-roti użati għall-assemblaġġ ta' roti mgħammra b'mutur awżiljarju la huma soġġetti għad-dazju anti-dumping u lanqas għad-dazju anti-dumping estiż u għalhekk, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' roti bħal dawn jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 71/97 u konsegwentement tar-Regolament ta' Eżenzjoni.

(31) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u f'konformità mal-proċeduri li jirregolaw l-atti ta' implimentazzjoni, inkluż fi proċedimenti ta' difiża kummerċjali, ir-Regolament ta' Eżenzjoni jenħtieġ li jiddikjara li d-deċiżjoni li tikkonkludi l-investigazzjoni ta' rieżami jenħtieġ li tkun regolament tal-Kummissjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(32) B'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, l-emendi għar-Regolament ta' Eżenzjoni previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mill-aktar fis possibbli għall-investigazzjonijiet ġodda u pendenti kollha.

(33) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 88/97 jiġi emendat kif xieraq.

(34) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 88/97 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, id-definizzjonijiet ta' "dazju estiż", "operazzjoni ta' assemblaġġ" u "parti eżentata" huma sostitwiti b'dan li ġej rispettivament:

"— 'dazju estiż' tfisser id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93, kif estiż mill-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 71/97 (minn hawn 'l quddiem "Ir-Regolament ta' Referenza"), u kif miżmum minn Regolamenti sussegwenti,"

"— 'operazzjoni tal-assemblaġġ' tfisser operazzjoni li fiha partijiet essenzjali tar-roti jiddaħħlu għall-assemblaġġ jew it-tlestija ta' roti jew ta' partijiet tar-roti,"

"— 'parti eżentata' tfisser kwalunkwe parti li l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha jkunu nstabu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (*) u li tkun eżentata permezz tal-Artikolu 7 jew 12 ta' dan ir-Regolament,

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21)."

(2) Id-definizzjoni ta' "assemblatur" tiżdied mal-Artikolu 1 kif ġej:

"— 'assemblatur' tfisser kwalunkwe parti li twettaq operazzjoni ta' assemblaġġ,"

(3) Id-definizzjoni ta' "l-effett rimedjali tal-miżuri" tiżdied mal-Artikolu 1 kif ġej:

"— 'l-effetti ta' rimedju tad-dazju qed jiġu mdgħajfa', kif imsemmi fl-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament (UE) 2016/1036, f'termini ta' kwantitajiet, tfisser li, fuq bażi ta' kull xahar, il-bejgħ tal-prodotti li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jaqbżu 299 rota jew 299 unità ta' tip wieħed ta' partijiet essenzjali tar-roti."

(4) It-titolu tal-Artikolu 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Eżenzjoni u sospensjoni ta' importazzjonijiet mid-dazju estiż".

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(5) L-Artikolu 2(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-ħlas tad-dazju estiż fuq l-importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti għandu jiġi sospiż meta dawn ikunu ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa minn, jew f'isem, parti li tkun qed tiġi eżaminata."

(6) L-indirizz indikat fl-Artikolu 3(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G Trade Defence
Rue de la Loi/Wetstraat 200,
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
email: trade-bicycle-parts@ec.europa.eu"

(7) L-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Malli tirċievi talba, il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih li rċeviet it-talba."

(8) L-Artikolu 4(1)(b) huwa mibdul b'li ġej:

"(b) tipprovdi evidenza *prima facie* li l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tal-applikant jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036; u"

(9) l-Artikolu 4(1)(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-applikant ma ġiex irrifjutat awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni fi żmien 36 xahar qabel it-talba skont l-Artikolu 7(3) jew (4) jew l-eżenzjoni ma tħassritx skont l-Artikolu 10."

(10) L-Artikolu 4(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Jekk jiġi deċiż li talba mhijiex ammissibbli, din tiġi miċħuda permezz ta' Deċiżjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036."

(11) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Sospensjoni tal-pagament tad-dazji

1. Mill-ġurnata li tkun wasslet it-talba li tkun ġiet iddikjarata ammissibbli skont l-Arikolu 4 u sakemm tingħata d-deċiżjoni dwar il-merti tagħha skont l-Artikoli 6 u 7, il-pagament tad-dejn doganali fir-rigward tad-dazju estiż skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Referenza għandu jkun sospiż fir-rigward ta' kwalunkwe importazzjoni ta' partijiet essenzali tar-roti ddikjarata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa mill-parti eżaminata. Perjodu ta' mhux inqas minn 6 xhur qabel tasal it-talba huwa kkunsidrat biex tiġi stabbilita *prima facie* l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u (2).

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħmlu s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż soġġetta għall-għoti ta' garanzija tad-dazju estiż f'konformità mat-Titolu III, il-Kapitolu 2 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (*), fil-każ li t-talba sussegwentement titqies inammissibbli skont l-Artikolu 4(4), irtirata skont l-Artikolu 7(5), jew miċħuda skont l-Artikolu 7(3) jew (4).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)."

(12) L-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-parti eżaminata għandha tassigura li, fi kwalunkwe ħin, il-partijiet essenzali tar-roti li tkun iddikjarat għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jintużaw jew fl-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tagħha, jew assemblaġġ ta' prodotti oħra, distrutti jew ri-esportati. Għandha żżomm rekords dwar il-partijiet essenzali tar-roti li kienu kkonsenjati lilha – u l-użu li sar minnhom. Dawn ir-rekords għandhom jinżammu għal 5 snin mid-data tas-sospensjoni. Ir-rekords u kwalunkwe prova jew informazzjoni addizzjonali oħra għandhom ikunu mogħdija lill-Kummissjoni hekk kif ikunu mitluba."

(13) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Deċiżjoni

1. Fejn il-fatti kif finalment aċċertati juru li l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-applikant ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036, l-eżenzjoni tal-applikant mid-dazju estiż tkun awtorizzata, wara l-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

2. Id-Deċiżjoni għandu jkollha effett retroattiv mid-data tal-wasla tat-talba debitament sostanzjata msemmija fl-Artikolu 4(1). Id-dejn doganali tal-applikant skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Referenza għandu jkun kkonsidrat null minn dik id-data.

3. Fejn il-kriterji għal eżenzjoni ma jkunux sodisfatti, it-talba tinċaħad, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 u s-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż imsemmi fl-Artikolu 5 għandha titħassar.

4. Kwalunkwe vjolazzjoni tal-obligazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) jew kwalunkwe dikjarazzjoni falza fir-rigward ta' deċiżjoni tista' tikkostitwixxi raġuni sabiex it-talba tkun miċħuda.

5. Meta talba għal eżenzjoni tiġi rtirata, din għandha titqies li ma ġietx ippreżentata u s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż imsemmi fl-Artikolu 5 għandha titneħħa."

(14) L-Artikolu 8(1)(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tagħha ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036;"

(15) L-Artikolu 8(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Parti eżentata għandha żżomm rekords tal-partijiet essenzali tar-rota kkonsenjati lilha u l-użu li sar minnhom. Għandha żżomm dawk ir-rekords u provi pertinenti oħra għal 5 snin. Dawn ir-rekords għandhom ikunu għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni fuq talba."

(16) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Reviżjoni

1. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni ta' parti eżentata biex tivverifika li hija tirrispetta l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 8, inkluż kwalunkwe kwistjoni relatata magħhom.

2. Dan ir-rieżami għandu jikkonsisti f'eżami li jkopri perjodu li jista' jkun inqas minn sitt xhur.

3. Għandu jinbeda rieżami permezz ta' regolament tal-Kummissjoni wara li l-Istati Membri jiġu infurmati. Mid-data tal-bidu tar-rieżami, l-importazzjonijiet mill-parti taħt rieżami għandhom jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, biex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami jirriżulta f'revoka tal-eżenzjoni, il-miżuri jistgħu sussegwentement. jiġu applikati kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni.

4. Jekk parti eżentata tagħmel dikjarazzjoni ħażina doganali ta' partijiet essenzjali tar-roti ta' oriġini Ċiniża, il-Kummissjoni tista' tibda rieżami fit-tifsira tal-ewwel paragrafu.

5. L-investigazzjonijiet għandhom isiru mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita mill-awtoritajiet doganali u l-investigazzjoni għandha tiġi konkluża permezz ta' regolament tal-Kummissjoni li jaġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036."

(17) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

It-tħassir ta' eżenzjoni

Eżenzjoni tiġi revokata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, wara li l-parti eżentata tingħata l-opportunità biex tikkummenta:

— fejn rieżami jkun wera li l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tal-parti eżentata jkunu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jew

— meta l-parti eżentata ma tkunx qed tuża partijiet essenzjali tar-roti għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fi kwantitajiet 'il fuq mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c), inkluż fejn il-parti tkun ġiet stralċjata jew tkun waqqfet b'xi mod ieħor l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha, jew

— fi kwalunkwe każ, fil-każ ta' dikjarazzjoni doganali ħażina ripetuta ta' kwalunkwe parti tar-rota, jew

— fil-każ ta' vjolazzjoni tal-obbligi tal-parti skont l-Artikolu 8, jew

— fil-każ ta' nuqqas ta' koperazzjoni wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni."

(18) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

Dispożizzjonijiet proċedurali

Id-dispożizzjonijiet relevanti fir-Regolament (UE) 2016/1036 fir-rigward:

— tat-tmexxija tal-investigazzjonijiet (l-Artikolu 6(2), (3), (4) u (5)),

— tal-visti ta' verifika (l-Artikolu 16),

— tan-nuqqas ta' koperazzjoni (l-Artikolu 18), u

— tal-kunfidenzjalità (l-Artikolu 19),

għandom japplikaw għall-eżamijiet skont dan ir-Regolament."

(19) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti jiġu ddikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa minn persuna oħra għajr parti eżentata jew parti taħt eżaminazzjoni skont l-Artikolu 5, mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Referenza, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tad-dazju estiż jekk iddikjarati skont l-istruttura TARIC fl-Anness III u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li għandu jkun applikabbli *mutatis mutandis*, fejn:"

(20) L-Artikolu 14 (b) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-partijiet essenzali tar-roti jiġu kkonsenjati lil detentur ieħor ta' awtorizzazzjoni għall-proċedura tal-użu aħħari skont it-tifsira mogħtija mill-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni; jew"

(21) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(c) hija sostitwita b'dan li ġej:

"kull xahar, inqas minn 300 unità għal kull tip ta' part essenzjali tar-rota jkunu, fil-medja, jew iddikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa minn parti jew imwasslin lilha. Il-limitu ta' żmien biex tiġi kkalkulata dik il-medja ma jaqbiżx it-12-il xahar, fejn l-ewwel perjodu jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni tal-użu aħħari kkonċernata, u fl-ebda każ ma jaqbeż il-perjodu ta' validità tagħha."

(22) L-Artikolu 15(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn il-partijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinstabu li ddikjaraw għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew irċevew kunsinni ta' kwantitajiet ta' partijiet essenzjali tar-roti 'l fuq mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c), jew fejn jonqsu milli jikkooperaw mal-eżami, m'għandhomx ikunu preżunti iżjed li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036, u kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija lil dawn il-partijiet għandha tiġi revokata retrospettivament. Wara li l-parti kkonċernata tingħata l-possibbiltà sabiex tagħti l-osservazzjonijiet tagħha, dawk il-konklużjonijiet ikunu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri."

(23) Fl-Artikolu 15(3), il-kelma "jista'" tinbidel bil-kelma "għandu".

(24) Fl-Artikolu 18, il-kelma "*Komunitajiet*" tiġi sostitwita bil-kelma "*Unjoni*".

(25) L-Annessi I, II u III jiġu sostitwiti bl-Anness I, II u III għal dan ir-Regolament.

(26) L-Anness IV huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-partijiet eżentati kollha sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Biex jiġi evitat kull dubju, l-obbligi introdotti skont l-Artikolu 1(15) japplikaw biss għal rekords miżmuma minn partijiet li qabel kienu eżentati 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data tad-dħul fis-seħħ
C557	Berria Bike SL	Calle Blasco de Garay 19, 02600 Villarrobledo, Spanja	30.3.2022
C720	Propain Bicycles GmbH	Schachenstraße 39, 88267 Vogt, il-Ġermanja	1.7.2021
C860	Profil Bicycles CZ s.r.o.	Hněvotín 31, 783 47 Hněvotín, ir-Repubblika Ċeka	20.2.2022
C863	Decathlon Sp. Z.o.o.	ul. Geodezyjna 76, 03-290 Warszawa, il-Polonja	21.3.2022

ANNESS II

Lista aġġornata ta' partijiet eżentati

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Id-data tad-dħul fis-seħħ
8005	Gruppo Bici S.p.A.	Via Pitagora 15, 47521 Cesena (FO), l-Italja	27.2.1998
8062	Nikos Maniatopoulos S.A.	Kosti Palama & Solonos, 26504 Agios Vasileios-Patras, il-Greċja	22.1.1997
8065	Arcade Cycles	78 Impasse Philippe Gozola ZA Acti Est Parc Eco, 85000 la Roche-sur-Yon, Franza	27.1.1997
8068	Cicli Esperia S.p.a.	Viale Enzo Ferrari 8/10/12 30014 Cavarzere (VE), l-Italja	30.1.1997
8069	Orbea S. Coop Ltd.	Poligono Industrial Goitondo s/n, 48269 Mallabia-Bizkaia, Spanja	31.1.1997
8071	Yakari S.p.A.	Via Kennedy 44, 25028 Verolanuova (BS), l-Italja	6.2.1997
8073	Van den Berghe N.V.	Industriepark noord 24, 9100 Sint-Niklaas, il-Belġju	11.2.1997
8075	Alpina di Montevecchi Manolo & C. s.a.s.	Via Archimede 485, 47521 Cesena (FO), l-Italja	13.2.1997
